**STQARRIJA GĦALL-MEDIA:**

**Proġett ġdid jippromwovi l-ugwaljanza bejn ir-razez**

Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn ir-razez hi l-għan ewlieni ta' proġett ġdid ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea li qed ikun implimentat matul din is-sena mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE). JUST/2011/PROG?AG/1902 ***M'iniex Persuna Razzista, Imma...*** hu proġett ko-finanzjat mill-fondi PROGRESS tal-UE. L-Aġenzija għall-Ħarsien ta' Persuni li qed ifittxu l-Ażil (AWAS), il-*Jesuit Refugee Service (JRS) Malta* u l-*United Nations High Commissioner for Refugees (UNHCR) Malta* huma msieħba f'dan il-proġett.

Waqt il-ftuħ ta' konferenza li fiha tnieda dan il-proġett ġdid, id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE Dr Romina Bartolo spjegat li l-viżjoni ta' dan il-proġett immirat li jiġi żviluppat għarfien ċar tas-sitwazzjoni tal-minoritajiet etniċi u l-akkomodazzjoni. Dr Bartolo qalet li dan il-proġett għandu wkoll l-għan li jinkoraġixxi lill-minoritajiet Afrikani biex il-vuċi tagħhom tkun mismugħa; biex jiddefendu d-drittijiet tagħhom u jirrappurtaw id-diskriminazzjoni, u biex jitqajjem għarfien dwar id-diskriminazzjoni abbażi ta' razza u ssir promozzjoni tad-diversità kulturali.

Fid-diskors tiegħu, il-Ministru għall-Ġustizzja, Djalogu u l-Familja Chris Said qal li permezz tal-proġett *Jien M'iniex Persuna Razzista*, *Imma*... l-NCPE tkompli tqajjem għarfien u tħeġġeġ l-iżvilupp fil-qasam tal-ugwaljanza. Il-Ministru Said semma l-ilmenti li jitressqu quddiem l-NCPE kemm mis-settur privat kif ukoll dak pubbliku li għandhom x'jaqsmu ma' allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni abbażi ta' razza jew oriġini etnika fl-għoti u l-provvista ta' oġġetti u servizzi. Fl-2010, l-NCPE rċeviet ilmenti li kienu jikkonċernaw allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni abbażi ta' razza fl-aċċess għall-visa u fl-aċċess għal *bars* u *clubs*.

Il-Ministru Chris Said enfasizza li għalkemm l-NCPE kompliet tqajjem għarfien dwar l-ugwaljanza bejn ir-razez bil-għan li aktar persuni jsiru jafu d-drittijiet u r-responsabbilitajiet tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' diskriminazzjni f'oqsma varji ekonomiċi u soċjali, in-numru ta' ilmenti li l-NCPE tirċievi huwa baxx ħafna. Biex ikunu studjati r-raġunijiet għaliex qed ikun hemm nuqqas ta' rappuraġġ ta' każijiet ta' diskriminazzjoni, tenna l-Ministru Chris Said, saret riċerka permezz tal-Proġett *'Insaħħu l-Ugwaljanza lil Hinn mil-Leġislazzjoni'* u kienu studjati r-raġunijiet għaliex ma jkunux rappurtati inċidenti ta' diskriminazzjoni lill-awtoritajiet konċernati.

F'ħarsa lejn l-attivitajiet ewlenin ta' *Jien M'iniex Persuna Razzista, Imma*... l-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Proġetti fl-NCPE Lara Bezzina spjegat kif il-Minorità Afrikana se tkun qed tingħata taħriġ fosthom kif tista' tirrapporta każijiet ta' diskriminazzjoni. Se jsiru filmati qosra dwar ir-razziżmu. Se tkun organizzata Ġurnata kontra r-Razziżmu bil-għan li tqajjem għarfien dwar suġġetti rilevanti. Se ssir ukoll riċerka dwar l-esperjenzi ta' minoritajiet etniċi meta jiġu biex ikollhom akkomodazzjoni tagħhom kif ukoll l-esperjenzi tas-sidien tal-propjetà u r-rappreżentanti tagħhom.

Rappreżentant mill-*Migrants' Network for Equality* ta l-perspettiva tal-immigranti dwar dan il-proġett.

**Il-Ġimgħa 4 ta' Mejju, 2012**